**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 310/2015**

Il-Pulizija

vs

**Maria Briffa**

Bint Carmel, imwielda Pieta', fil-31 ta' Awwissu, 1993, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 384893(M)

Illum it-3 ta' Mejju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Maria Briffa akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fil-25 ta' Ottubru 2014 ghall-habta tal-5.30 p.m. gewwa Triq il-Bizantini, Qrendi;

(1) heddedt b'mod mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk ipprovokat, ingurjat b'mod li harget mill-limiti tal-provokazzjoni lil Duminku Cassar;

(2) talli b'xi mod iehor mhux imsemmi f'dan il-Kodici kisret volontarjament il-buon ordni jew kwiet pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Maria Briffa hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u

minflok infliggiet piena, imponiet digriet taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sena taht garanzija ta' €250.

Rat ir-rikors tal-appellanti Maria Briffa minnha pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta' Mejju 2015 fil-kawza fl-ismijiet premessi u tillibera lill-esponenti minn kwalsiasi htija u fl-istess waqt tehles lill esponenti minn kwalsiasi piena u obbligazzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe:-

> Illi f'dan il-kaz l-esponenti, l-unika vittma f'dan il-kaz kollu, giet misjuba hatja li ingurjat b'mod li harget mill-limiti tal-provokazzjoni lil min wettaq hsara volontorja fuq il-karozza taghha u talli kisret il-buon ordni jew kwiet pubbliku.
>
> Illi l-Ewwel Qorti, filwaqt li espremiet ruhha li kien hemm zewg verzjoniet konfliggenti dwar dak li kien sehh, u cioe' dik tal-esponenti u dik ta' Duminku Cassar, u filwaqt li lahqet nsiet li kien xehed ukoll Mario Scicluna (fil-fatt l-Ewwel Qorti ma tatx id-decizjoni taghha fit-30 ta' Jannar 2015 meta nstemghu l-provi izda fid-29 ta' Mejju 2015 u ghalhekk erba xhur wara), dwar dak kollu li kien gara u li fil-fatt mhux biss ikkonferma dak li xehdet l-esponenti li kull ma ghamlet kien li bdiet tigbed l-attenzjoni ta' Duminku Cassar biex dan ma jkomplix jaghmel hsara fil-karozza taghha, u li xehed ukoll li l-incident kollu bdieh u spiccah unikament l-istess Duminku Cassar, u dan minghajr ebda provokazzjoni ta' xejn u ta' hadd, waslet ghall-konkluzjoni illogika li "ma hix konvinta li ma sar l-ebda kliem ingurjuz mill-esponenti", li skorrettement giet deskritta mill-Qorti bhala ko-akkuzata meta fil-fatt din ma kienet ko-akkuzata xejn ghax l-esponenti kienet akkuzata u mhux ko-akkuzata, u dan billi emmnet dak kollu li xehed Duminku Cassar fil-konfront tal-esponenti. Dan meta aktar qabel fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti qalet li l-unika prova li tista' taghti ideja ta' x'gara kienet "pen-drive" esebita mill-esponenti li fiha hemm filmat li juri l-karozza hamra ta' Duminku Cassar tmur 'l quddiem u lura ripetutament u dan filwaqt li warajha kien hemm il-karozza tal-esponenti u fejn dan, skont l-Ewwel Qorti stess, ma kellux ghalfejn jaghmel dan stante li quddiemu kellu l-liberta' kollha ta' hafna spazju, u dan minghajr l-ebda referenza ghax-xhieda li ta Mario Scicluna li donnu ghall-Ewwel Qorti qisu qatt ma ezista.

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti jidher car li apparti li din ma tatx kaz tax-xhieda kollha li semghet kienet ukoll inkonguwenti ghall-ahhar maghha innifisha fir-ragunar ta' sejbien ta' htija tal-esponenti.

Illi oltre' dan, l-Ewwel Qorti naqset li almenu tindika x'kien dak li qalet l-esponenti u li bih dehrilha li kienet ngurjat lill Dumiku Cassar. Ghax ghalkemm il-ligi taghmel kontravenzjoni li tikkonsisti filli wiehed jhedded lill haddiehor b'mod mhux imsemmi fil-Kodici, l-esponenti tissottometti bir-rispett kollu li f'dan il-kaz il-gudikant ghandu almenu f'sentenza ta' aktar minn zewg pagni jindika x'kien il-kliem abuziv uzat.

Illi oltre' dan ukoll ma jirrizulta minn imkien li l-esponenti kissret volontorjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku sakemm l-Ewwel Qorti ma waslitx ghal din il-konkluzjoni ghar-raguni li rrizulta li l-esponenti bdiet tghajjat biex Duminku Cassar, l-uniku trasgressur f'din l-istorja kollha, ma jkomplix jaghmlilha hsara fil-karozza taghha. Imma jekk din kienet ir-raguni ovvjament ma tistax tinstab htija fl-esponenti fir-rigward.

Illi min dan kollu jidher car li l-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha provi li jikkonvincu moralment dwar il-htija tal-esponenti.

Illi oltre' dan l-esponenti ma tistax tifhem x'riedet tghid l-Ewwel Qorti bil-kelma "digriet" uzata fl-applikazzjoni tal-obbligazzjoni taht l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti hassitha aggravata bid-decizjoni tal-Ewwel Qorti billi kienet tal-fehma li ma kienx hemm provi fl-atti li jindikaw illi hija kienet ingurjat jew heddedt lil parti leza u dan wara li osservatu jahbat fil-vettura taghha li kienet ipparkeggjata. Tghid li hija

bdiet tipprotesta ruhha ghall-agir tal-parti leza li b'mod volut beda jaghmel hsara fil-vettura taghha tant illi l-Ewwel Qorti sabet htija fil-parti leza ghal dan l-agir inkriminatorju tieghu. *Di piu'* tistqarr illi l-Ewwel Qorti lanqas indikat f'hix kien jikkonsisti dan il-kliem ingurjuz izda semplicement emmnet dak li qal Cassar li din kienet ghajjritu.

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.[1].

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[2].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 li jistipula li 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta') titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hiex imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'.

In oltre` kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[3],

> **'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.**

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid l-atti probatorji minn fejn irrizultalha illi fil-25 ta' Ottubru 2014 is-surgent 583 Evan Grech ġie msejjaħ fi Triq il-Bizantini, Qrendi u dan wara rapport li sarlu dwar sewwieq ta' vettura li allegatament saq għal fuq vettura oħra ipparkeggjata. Meta mar fuq il-post sab żewġ vetturi u cioe' Volkswagen Golf Blue bin-numru KBE774 reġistrata fuq l-appellanti Maria Briffa u Mitsubishi L200 ħamra bin-numru ta' reġistrazzjoni EBC781 reġistrata fuq Duminku Cassar, li kienu ftit 'il bogħod minn xulxin. PS583 tkellem mal-partijiet kif ukoll ma' Mario Scicluna li kien fuq il-post

---

2 Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

3 Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

meta seħħ l-akkadut u li huwa l-għarus ta' Maria Briffa fejn skont il-verżjoni ta' dawn it-tnejn minn nies, huma kienu qedgħin jaħslu l-vettura ta' Scicluna filwaqt li l-vettura ta' Briffa kienet ipparkjata faċċata. F'hin minnhom wasal Cassar bil-vettura tiegħu fejn ġie nnutat jirriversja u jolqot il-vettura ta'Briffa b'ċerta saħħa. Skont dak irrapurtat minnhom, u sussegwentement ikkonfermat quddiem l-Ewwel Qorti, huma bdew jgħajjtu sabiex jattirawlu l-attenzjoni biex jieqaf iżda Cassar reġa' ghamel l-istess manuvra u habat fil-vettura ta' Maria Briffa bejn tlieta u ħames darbiet. Briffa ppruvat timmitiga din il-hsara billi daħlet fil-karrozza tagħha u niżlet il-*handbreak*, izda xorta waħda Cassar ikkaġunalha ħsarat fil-*bumper* ta' quddiem fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura. L-appellanti tressaq provi li jindikaw li l-valur tal-hsarat kien ilahhaq l-ammont ta' €59.

Il-parti leza min-naha tieghu jichad li laqat il-vettura tal-appellanti meta kien qed jipprova jipparkeggja u li ma ikkaguna l-ebda ħsarat. Illi dwar l-ingurji li l-appellanti indirizzat fil-konfront tieghu, l-parti leza jindika illi din kienet għajjritu bil-familja tiegħu, senjatament bil-'mejta ommu' li madankollu kienet għadha ħajja. Stqarr ukoll fix-xiehda tieghu illi kien sab il-familja kollha ta' Maria Briffa wara l-bieb tad-dar tiegħu u ghalhekk hassu mhedded. Illi l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellanti billi fil-fehma tagħha ma kinitx konvinta li Briffa ma ingurjatx lil Cassar bi kliem u fuq din l-allegazzjoni straħet fuq il-verżjoni moghtija mill-istess Cassar.

Ikkunsidrat :

Issa kemm l-appellanti kif ukoll Mario Scicluna, li kien preżenti matul l-inċident kollu u li jikkorrobora ghalhekk il-verzjoni ta' Briffa, jikkontendu illi ma intqal l-ebda kliem ta' tgħajjir u ma sar l-ebda theddid fil-konfront tal-parti leża. Jinsistu illi huma bdew ighajjtu sabiex jattiraw l-attenzjoni ta' Cassar li hu kien qed jolqot il-vettura tal-appellanti, izda Cassar ma tax każ dak li kienu qedgħin jgħidulu. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tagħmel referenza għall-*pendrive* ezebieta li tikkontjeni filmat li jindika

xenarju kemmxejn differenti minn dak allegat minn Cassar tant illi fil-fatt l-Ewwel Qorti sabet htija fil-parti leza fil-kaz li kien miexi kontestwalment ma' dan taht il-lenti tal-Qorti ghar-reat tal-hsara volontarja. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti kellu jfisser ghall-Ewwel Qorti illi Cassar ma kienx kredibbli fil-verzjoni moghtija minnu.

Mhux biss izda skont Cassar wara li kien ipparkja l-vettura u daħal fir-residenza tiegħu, hu reġa ħareġ barra f'liema stadju ighid li sema' lill-Briffa tgħajjru b'ommu il-mejta. Jaċċenna bil-ġurament tiegħu li meta Briffa insulentatu b'dan il-mod ma halliet l-ebda effett fuqu għas-sempliċi fatt li ommu kienet għada ħajja, tant illi għall-ewwel lanqas biss induna li kienet qed tindirizza din l-ingurja fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti tinsab mixlija bl-akkuza ta' natura kontravvenzjonali meta hija allegatament ingurjat u/jew heddedt lil parti leza. Illi jinghad minnufih illi l-element tat-theddid mahsub fl-artikolu 339 (1)(e) tal-Kodici Kriminali:

> **"tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.[4]"**

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Gauci ġie hekk deciz:

> **"Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: *"e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta,***

[4] Pulizija vs Joseph Frendo deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Lulju 1995.

***come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'" . Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva.[5]"***

Illi b'referenza allura għad-diċitura tal-liġi kif hawn fuq imfisser mill-qrati taghna jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tistrieħ fuq il-verżjoni moghtija minn Cassar dwar l-ingurji li saru mill-appellanti fil-konfront tieghu, huwa bil-wisq evidenti li l-kliem li l-parti leża jisħaqq li qaltlu Briffa certament ma jammontawx ghall-ebda theddida fil-konfront tieghu. Issa ghalkemm il-frażi li l-parti leza jallega li qalet Briffa, jekk tittieħed waħedha, tista' titqies bħala waħda inġurjuża, fi kliemu stess, din lilu ma hallietlu l-ebda effett peress li ommu għada ħajja u allura fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-kliem, allavolja ġenerikament meqjus bħala mhux xieraq ma jistax jitqies bħala diskors inġurjuż għas-sempliċi fatt li l-parte leża stess ma ħassithiex inġurjata.

Illi allura hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-appellanti ghandha ragun fl-aggravju minnha intentat mhux biss ghaliex l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha wasslet ghal konkluzjoni gratwita li fic-cirkostanzi li inqalghu bejn il-partijiet hija ma kenitx konvinta li ma intqal l-ebda diskors ingurjuz mill-appellanti minghajr ma tindika f'hix kienet tikkonsisti tali ingurja jew x'kien il-kliem ta' theddid, izda ukoll ghaliex jirrizulta indubbjament ippruvat illi ma intqal l-ebda kliem ta' theddid u ukoll illi l-kliem li l-parti leza jallega li intqal mill-appellanti ma kien jikkostitiwxxi l-ebda forma ta' ingurja fil-konfront tieghu. Mhux biss izda l-Qorti temmen ukoll illi l-parti leza, li kien diga' dahal gewwa daru wara li sehh l-incident tal-vettura, rega' hareg mid-dar bl-intenzjoni li jipprovoka u jisfida lil parti leza li f'dak il-hin certament kienet urtata bl-agir provokatorju tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni akkuża kif miġjuba kontra l-appellanti u cioe' dak tar-

---

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Ġunju 2003.

reat kontravvenzjonali tal-ksur ta' paċi u bon ordni fil-pubbliku skont id-dettami tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jinghad illi:

> **"L-artikolu 352 (bb) (illum 338(dd) tal-Kodici Kriminali) gie kostantement interpretat li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu fic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali; u ghalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht cirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazjoni ma jiksirx il-ligi. L-uzu tal-kelma "volontarjament" ghandha tfisser illi jkun fl-imputat il-koxxjenza almenu li l-att tieghu jkollu l-potenzjalita' li jikkrea storbju - koxxjenza li tista' tkun newtralizzata meta wiehed ikun fit-telfa ta' glieda.[6]"**

In oltre' l-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Spiteri, il-Qorti ddikjarat:

> **"Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali u cjoe', r-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza jissejjah "a breach of the peace". Din il-kontravvenzjoni tissussisti meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumnita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Ghal dak li hu inkonvenjent ikkagunat minn hsejjes u storbju, il-ligi taghna tipprovdi disposizzjonijiet ohra bhal, per ezempju, l-artikolu 338 (m).[7]"**

Issa jibda biex jingħad illi l-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda konsiderazzjonijiet fis-sentenza tagħha dwar kif wasslet ghal sejbien ta' htija ghal din il-kontravenzjoni li ghalkemm mhux mehtieg skont il-ligi, madanakollu ma jitfa' l-ebda dawl fuq liema diskors u agir minn naha tal-appellanti wassal ghal ksur kontravvenzjonali. Illi l-uniku

---

[6] Pulizija vs Marianne Abela U Joseph Sant, deċiża mill-Qorti Kriminali ippreseduta mill-Imħallef Hugh Harding nhar il-25.7.1984.

[7] Pulizija vs Joseph Spiteri, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar l-24.5.1996.

storbju iggenerat mill-appellanti kien l-ghajjat taghha meta bdiet tigbed l-attenzjoni ta' Cassar li kien qed jolqot il-vettura taghha. Mhuwiex ċar lanqas jekk l-Ewwel Qorti hijiex qed torbot is-sejbien ta' htija ghal din it-tieni akkuza mal-mument meta Briffa allegatament bdiet tghid il-kliem ingurjuz fil-konfront tal-parti leza.

Illi maghdud dan id-diskors li allegatament sar minn naha tal-appellanti meta inkwadrat fit-taghlim gurisprudenzjali kif hawn fuq imfisser, ma jista' qatt isarraf fir-reat kontravvenzjonali tal-ksur tal-paci pubbliku u tal-buon ordni billi dak li kienet qed taghmel l-appellanti kien biss li tipprotesta ruhha ghall-agir provokatorju tal-parti leza u l-hsara minnu ikkagjonata fil-vettura taghha. Illi allura fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, l-komportament tal-appellanti ma kienx tali li jqajjem '*minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumnita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil'.* Dan jirrizulta mix-xiehda ta' Cassar stess meta jisħaq li lanqas biss induna b'dak li kien ġara tant li dahal gewwa daru. Mhux biss izda huwa evidenti illi ma kienx hemm imqanqal fih sens ta' biza', tant illi rega' hareg minn daru meta f'dan il-mument ighid li l-appellanti allegatament ghajjritu, izda huwa lanqas induna li l-kliem kien indirizzat lilu u ma hassux offiz. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti m'għandiex tinstab ħatja ta' din il-kontravvenzjoni ukoll.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti nhar id-29 ta' Mejju, 2015 u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull htija u piena.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur